MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2008

Numru 647/2008

Il-Pulizija
(Spettur Arthur Mercieca)

vs

Wayne Delia
-omissis-

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 574785(M) akkuzat talli:

-omissis-

1. fis-27 ta’ Marzu 2008 gewwa, Zejtun ikkommetta serq ta’ vann bin-numru ta’ registrazzjoni LCC 806 u prodotti tal-laham u oggetti ohra ghad-dannu tal-

kumpanija Jolly Bacon, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi Euro 2329.37, bil-persuna u bix-xorta tal-haga misruqa.

2. sar recediv b’diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ghaldaqstant ma jistghux jinbidlu.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament u mhux opposta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Ikkonsidrat:

L-akkuzat odjern kien originarjament akkuzat flimkien ma’ Dylan Degiorgio fil-konfront ta’ liema l-kawza giet deciza fit-23 ta’ Lulju, 2008 wara talba milqugha minn dina l-Qorti ghas-separazzjoni tal-gudizzju.

Fil-konfront ta’ dan l-imputat il-Qorti wara li rat l-Artikolu 261(b)(c)(d)(g), 264, 267, 268, 271, 49, 50, 18 u 17 tal-Kap 9 tiddeciedi wara li qieset ic-cirkostanzi personali tieghu tilliberah ghal tlett snin mil-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 fis-sens li tpoggih taht ordni ta’ probation bil-kundizzjoni specifika li jissottoponi ruhu ghall-test tal-urina kull 15-il jum u jobdi kull direttiva ohra li tinghatalu mill-ufficcjal tal-probation.

Il-Qorti spjegat lill-imputat il-konsegwenzi fil-kaz ta’ ksur jew non-osservanza.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------